# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 719

KAZ NRU. 937

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Andrew Ciantar

u

Brand International Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 28 ta' Mejju 1996

Chairman : Is-Sur Maurice J.V. Bonello M.B.E.

PRELIMINARI

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal mill-Ministru tal-Edukazzjoni u Rizorsi Umani Ref. Nru. ME 4/95/44 tal-15 ta' Mejju, 1995 skond il-provvedimenti tal-Artiklu 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellant, Andrew Ciantar, kien mghejjun mill-avukat Ray Zammit, waqt li l-Kumpanija kienet mghejjuna mill-avukat Jos. J. Vella.

It-Tribunal zamm tlett seduti.

Andrew Ciantar kien impjegat ma' Brand International Ltd bhala Machine Setter. Huwa kien dahal jahdem mal-Kumpanija fis-17 ta' Gunju 1991 u spicca mill-impjieg tieghu fit-2 ta' Mejju 1995. Huwa allega illi tkecca ngustament.

Minn naha tal-Kumpanija, fl-"istatement of case" taghha u anki fl-ewwel seduta, hija qajmet eccezzjoni preliminari fis-sens illi t-Tribunal ma kienx kompetenti biex jiehu konjizzjoni tal-kaz peress illi l-appellant kien irrizenja mill-impjieg tieghu u mhux tkecca. Ghalhekk, it-Tribunal ghadda biex jikkonsidra dina l-eccezzjoni.

RIKORRENZI

Mix-xhieda rrizulta illi Andrew Ciantar dahal jahdem ma' Brand International Ltd fis-17 ta' Gunju 1991. Huwa kien ha promotion u lahaq il-grad ta' Machine Setter. Tul l-impjieg tieghu huwa kien qala' warning verbali talli pprezenta certifikat mediku mhux skond ir-regolamenti. Fil-25 ta' April 1995 huwa gie akkuzat illi kien telaq minn fuq il-post tax-xoghol minghajr permess, ghal hamsa u tletin minuta u meta kien responsabbli ghal impjegati li kienu ghadhom bil-probation. Huwa ammetta din l-akkuza. Il-Kumpanija ddecidiet li titterminalu l-impjieg imma taghtu l-ghazla li jiddimetti flok jitkecca. Fil-fatt fit-2 ta' Mejju 1995, dakinhar meta Ciantar deher quddiem bord ta' dixxiplina, huwa ffirma certifikat illi kien qed jaghti n-notice tieghu b'effett minn dakinhar stess. Ciantar allega illi l-mod kif kellu jiffirma dan ic-certifikat kien jammonta ghal tkeccija.

Il-Kumpanija minn naha taghha cahdet din l-allegazzjoni u fil-fatt sostniet illi taghtu l-ghazla li jitlaq minn rajh biex ma jkollux it-tebgha ta' tkeccija fuq ir-record tieghu.

KONSIDERAZZJONIJIET

Andrew Ciantar, kien ilu mpjegat ma' Brand International ghal kwazi erba' snin u tul dan il-perjodu Ciantar kien ha promozzjoni ghal machine setter. Wiehed ghandu jippresumi illi kien familjari mar regolamenti tal-kumpanija. Ghalhekk, it-Tribunal ma jistax jifhem kif Ciantar qabad u telaq minn fuq il-post tax-xoghol minghajr permess meta kien on duty bil-lejl u kien responsabbli ghal impjegati li kienu ghadhom bil-promotion. Huwa qal illi kien telaq biex imur jiekol ghax il-canteen kien maghluq. Imma haddiem li jaf min qabel li jmissu ghassa bil-lejl normalment jew jiekol xi haga qabel jew inkella jiehu mieghu xi sandwiches u thermos bit-te' jew kafe'. It-Tribunal jidhirlu illi dan l-incident juri nuqqas ta' responsabbilita' da parti ta' Ciantar. It-Tribunal sema' li Ciantar kien iqis lill-ezekkuttiv tal-Kumpanija bhala t-tieni familja tieghu. Jidher illi l-appellant haseb illi dawna kienu jiehdu 'a lenient view' tan-nuqqas tieghu. Infatti huwa dahal ghand il-Bord wahdu minghajr xi hadd biex jassistih. Min-flok, huma ddecidew illi Ciantar ma kienx ghadu jgawdi l-fiducja tal-Kumpanija u li ghalhekk l-impjieg tieghu kellu jigi terminat imma biex ma jkollux it-tebgha ta' tkeccija l-Kumpanija taghtu l-ghazla li jitlaq minn rajh. It-Tribunal mhux qieghed jidhol fil-mertu ta' din id-decizjoni pero' jidhirlu li Ciantar wera nuqqas ta' ghaqal meta abbanduna l-post tax-xoghol tieghu minghajr perm-ess, meta dahal wahdu ghand l-executives u meta ffirma l-karta tad-dimissjoni tieghu b'certa ghaggla minghajr ma kkonsulta ma' xi hadd qabel. Ma hemm l-ebda provi illi kien sforzat jiffirma jew li kellu jiffirma immedjatament. Kieku ha parir minn xi hadd awtorew-

li forsi kien jimxi mod iehor.

Jibqa' l-fatt illi huwa iffirma l-avviz tan-notice li gie kontra firmat mill-kap tal-Human Resources Department u mill-head of department ta' Ciantar.

## DECIZJONI

In vista ta' dan, it-Tribunal jiddikjara illi l-appellant telaq mill-impjieg minn rajh u mhux tkecca u ghalhekk it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-Kumpanija.

B'dan kollu it-Tribunal ihoss illi Ciantar ghamel dak li ghamel mhux b'xi intenzjoni malizjuza imma ghax ghadu zghir, 22 sena, u mhux bniedem matur. Jidher illi apparti verbal warning wahda, din kienet l-unika darba illi zelaq. It-Tribunal jirrakomanda illi l-Kumpanija tikkonsidra illi lil Andrew Ciantar taghtih cans iehor, mhux fil-grad li kellu ta' machine setter imma fl-inqas grad li hemm u bil-probation.

Ghal finijiet tad-drittijiet li jithallsu skond A.L. 48 tal-1986 it-Tribunal qieghed jiffissa l-hlas ta' sitta u tletin lira maltin (Lm36) lil kull wiehed miz-zewg difensuri li assistew lill-partijiet.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Maurice J.V. Bonello
CHAIRMAN

Edwin Spiteri
SEGRETARJU
mrg